# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 60/18 MH**

**Illum, 11 ta' Mejju, 2018.**

**Tipbet Limited (C63741)**

**Vs**

**Multibet24 GmbH, kumpannija registrata fl-Awstrija (numru ta' registrazzjoni Awstrijak 267180M), gia' Betstation GmbH**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' Tipbet Limited li gie prezentat fit-22 ta' Jannar 2018, li permezz tieghu esponew:

***A. "DIKJARAZZJONI***

*1. Illi s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta ffirmaw ftehim ("il-Ftehim") "Agreement for the placement of sports betting", fejn is-socjeta' konvenuta giet*

[1] A folio 1

*awtorizzata, fost ohrajn, "[...] to arrange betting contracts on sports events between the betting broker and the bettor" (kopja tal-Ftehim hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "A");***

*2. Illi a tenur ta' klawsola 5.1 u l-klawsoli sussegwenti ta' l-istess Ftehim is-socjeta' attrici kellha tircievi commission fees mis-socjeta' konvenuta skont ir-rati hemm indikati;*

*3. Illi is-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta Multibet24 GmbH, gia' Betstation GmbH, fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (Ewro 43,734.71) f'bilanc ta' hlas ta' invoices rapprezentanti commission fees dovuti lis-socjeta' attrici (statement datat 19 ta' Dicembru 2017, hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument B****);*

*4. Illi l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa dejn cert, likwidu u dovut, u hu kkonfermat ukoll mill-avukat tas-socjeta konvenuta Thomas Hohle f'email datata 7 t'April 2017 lil Julie Sugay fejn jinghad li "We do not dispute the open OP balance and will not do so even in court as long as this corresponds to Euro 43,914.71 (after access to data due to the accounting of the last invoice)" (kopja tal-email hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument C****);*

***B. RAGUNI TAT-TALBA***

*5. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta Multibet GmbH gia' Betstation GmbH fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (Ewro 43,734.71) rapprezentanti bilanc ta' hlas ta' invoices rapprezentanti commission fees a tenur tal-Ftehim u li minkejja li s-socjeta' konvenuta accettat l-ammont bhala dovut u mhux ikkontestat , u minkejja illi giet interpellata sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet sa llum inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

6. *Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk jezistu l-elementi kollha preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-talbiet tas-socjeta' attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza , billi safejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet taghha;*

7. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

## *C. TALBIET*

*Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, in vista tal-premess u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i) *Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii) *Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta bhala debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (Ewro 43,734.71), liema ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut, u dan minghajr pregudizzju ghall-imghax dovut;*

iii) *Konsegwentement tiddeciedi, tordna u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici dak l-ammont hekk likwidat ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (Ewro 43,734.71) bilanc ta' hlas rapprezentanti commission fees.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni, inkluz l-ispejjez tat-traduzzjoni tad-dokumenti relatati ma' din il-kawza fl-ammont ta' elf tlett mija hamsa u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (Ewro 1,325.42), u bl-imghax legali  mis-7 t'April 2017, id-data ta' l-email ta' Thomas Hohle, sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci.

Rat illi waqt is-seduta tal-11 ta'Mejju 2018, Josef Galea ghan-nom tas-socjeta' attrici ikkonferma bil-gurament li sa dakinhar is-socjeta' attrici kienet ghadha ma thallsitx is-somma ta' €43,734.71 mis-socjeta' konvenuta.

Rat l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ben pruvata.

**Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**